# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 26 ta' Novembru 2015**

**Kawza Numru : 20**
**Rikors Guramentat Numru : 582/2015/LSO**

**Nutar Dottor Michael *sive* Michel Dingli (I.D. 287362M)**

**vs**

**Avukat Dottor Kevin Francis Dingli (I.D. 664359M); u**
**Avukat Dottor Anthony *sive* Tonio Grech (I.D. 260360M); u**
**Avukat Dottor Carmelo sive Carmel Chircop (I.D. 35164M); f' isimhom proprju u bhala membri ta' Dingli Law Firm**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat tal-attur in-Nutar Dottor Michael *sive* Michel Dingli datat 15 ta’ Gunju 2015 fejn ikkonferma:-

<u>RAGUNI TAT-TALBA</u>

Illi l-attur ilu jifforma parti b'access liberu u pussess tal-ufficini ta' *"Dingli & Dingli Law Firm"* u b'dak kollu hemm kontenut, ghal snin twal;

Illi fil-15 ta' Mejju 2015 l-attur gie mkecci minn dawn l-ufficini kif konfermat fis-16 ta' Mejju 2015, u fit-18 ta' Mejju 2015 l-attur gie sahansitra mhedded sabiex ma jersaqx aktar lejn dawk l-ufficini ta' *"Dingli & Dingli Law Firm"* u cioe` l-hames appartamenti u cioe` erba' appartamenti kontigwi kollha fuq l-istess tieni sular mil-livell tat-triq u interkonessi li qeghdin kollha Triq Nofsinhar il-Belt Valletta u li huma principalment accessibbli minn dak internament markat bin-numru tnejn (2) fil-blokk bin-numru tmintax (principalment accessibbli ghax il-*burglar alarm* hemm qieghda u minn hemm jidhol u johrog kulhadd) bit-tliet appartamenti kontigwi l-ohra jkunu dak numru tnejn (2) fit-tieni sular mil-livell fil-blokka ta' appartamenti bl-entratura bin-numru tlettax (13) fi Triq Nofsinhar, Valletta, dak l-appartament li jikkomprendi iz-zewg appartamenti internament markati bin-numru wiehed ittra A (Ia) u bin-numru wiehed ittra B (Ib) fit-tieni sular mil-livell tat-triq fil-blokka ta' appartamenti bl-entratura bin-numru hmistax (15), fi Triq Nofsinhar il-Belt Valletta, u dak l-appartament numru tnejn (2) fit-tieni sular mil-livell tat-triq fil-blokka ta' appartamenti bl-entratura fin-numru wiehed u ghoxrin (21) f’South Street Valletta; apparti l-appartament numru wiehed (1) fl-ewwel sular mil-livell tat-triq fil-blokka ta'

appartamenti bl-entratura fin-numru wiehed u ghoxrin (21) fi Triq Nofsinhar il-Belt Valletta, liema appartament ghandu ukoll access dirett ghal fuq Triq Nofsinhar minn barra mill-partijiet komuni; fil-kmamar tal-bejt tal-blokk bin-numru 18 f' South Street Valletta fejn id-ditta zzomm xi dokumenti, *files* u oggetti ohra; u fl-ufficcju bin-numru 20, office 5, Triq ir-Repubblika, Valletta, fejn id-ditta zzomm xi dokumenti, *files* u oggetti ohra;

Illi l-konvenuti taw *portable hard drive* lill-Avukat Mizzi sabiex din tinghata lill-attur liema *portable hard drive* apparentament kienet tikkontjeni dik id-data purament nutarili tal-attur u l-attur ma hux f'pozizzjoni jikkoferma l-interita u genwinita tal-kontenut taghha;

Illi fit-23 ta' Mejju 2015, l-attur inghata access limitat ghall-parti mill-ufficcju minnu gja okkupat u huwa ha l-pussess ta' xi atti tieghu, registri tieghu u dawk tan-Nutara li taghhom l-attur huwa konservatur fosthom tan-Nutar FX Dingli u xi oggetti personali li kienu jinsabu fuq l-iskrivanija minnu gia okkupata u dan fil-prezenza tal-konvenuti, izda l-attur ma inghata l-ebda access liberu u pussess ghal bqija tal-ufficini u l-kontenut taghhom, anzi gie mcahhad ghal tali access u pussess u ma jistax jaccedi aktar ghal dawn l-ufficini u l-kontenut taghhom liema access u pussess huwa kien igawdi sa ftit granet qabel;

Illi dan kollu sar minghajr il-kunsens tal-attur u dan l-agir tal-konvenuti jammonta ghall-spoll ricenti u privelleggjat;

Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

<u>TALBIET</u>

Illi jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarrazzjoni ohra necessarja u opportuna:

1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenuti kif fuq spjegat jikkostitwixxi spoll ghad-dannu tal-attur;

2. Tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien qasir u perentorju li joghgobha tiffissa din l-Onorabbli Qorti, jirrintegraw lill-attur fil-pussess u jew detenzjoni billi jaghmlu dawk ix-xoghlijiet jew azzjonijiet kollha necessarji illi jigu ordnati mill-istess Qorti;

3. Fin-nuqqas tawtorizza lill-attur sabiex jaghmel u jwettaq ix-xoghlijiet ordnati mill-Qorti, b'dan illi l-ispejjez relattivi jibqghu a kariku tal-konvenuti u pagabbli lill-istess attur;

B'rizerva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-attur.

Bl-ispejjez, kontra l-konvenuti, inkluz dawk tal-madat ta' deskrizzjoni ppezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors guramentat.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-14 ta' Lulju 2015.

Rat ir-risposta tal-intimati kollha in kontestazzjoni ghat-talbiet tar-rikorrenti datata 8 ta' Lulju 2015 (fol 16) fejn bil-gurament l-Avukat Kevin Francis Dingli (K.I. 664359M) kkonferma:

1. Preliminarjament, in-nullita' tar-rikors guramentat *stante* illi t-talbiet attrici mhumiex cari u ma jispecifikawx minn xiex allegatament l-attur gie spoljat. It-talbiet attrici, bir-rispett kollu, huma biss firxa ta' xibka sabiex forsi tinqabad xi raguni ta' spoll.

2. Illi bla pregudizzju ghall-premess u, subordinatament ghall-istess ghax it-talbiet attrici mhumiex cari, certament illi din il-Qorti ma tista' qatt tirreintegra lill-attur bhala nutar (ufficjal pubbliku) f'ufficcju legali format minn avukati, ghax tali ordni tkun illegali. Il-kawza hija f'dan is-sens ghalhekk ibbazata fuq *causa* illecita.

3. Illi bla pregudizzju ghall-premess it-talbiet attrici, mifhuma, mill-ahjar li jista' jkun, bl-aktar mod ampju taghhom, in kwantu huma diretti kontra l-intimati "bhala membri ta' Dingli & Dingli Law Firm" huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu rigettati bl-ispejjes u dan *stante* li "Dingli & Dingli Law Firm", bhala tali, ma tista' qatt taghmel xi haga li biha tispolja lil xi hadd billi, minnu innifsu, att spoljattiv jista' jigi kommess biss minn persuni fizici u mhux minn persuni legali.

4. Illi bla pregudizzju ghall-premess, l-istess talbiet attrici, mifhuma hawn ukoll mill-ahjar li jista' jkun, bl-aktar mod ampju taghhom, in kwantu, din id-darba huma diretti kontra l-esponenti personalment, ghandhom ukoll jigu rigettati bl-ispejjes kontra l-attur. L-esponenti, fil-kapacita` taghhom personali, ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-gudizzju *stante* li personalment huma ma ghamlu xejn li permezz tieghu jista' jigi vantat l-att li bih l-attur seta' gie spoljat minn xi haga. Fil-fatt in kwantu l-istess talbiet huma diretti kontra it-tlett avukati fil-kapacita' taghhom personali,

anke minn qari tal-istess rikors guramentat, johrog bic-car illi huma ma ghamlu xejn li jista' jekwivali, legalment, ghal xi att spoljattiv. Illi kif gie dejjem ritenut fil-gurisprudenza nostrana, sabiex azzjoni ta' spoll tista' tissussisti jridu jigu sodisfatti tlett elementi kumulattivi u cioe` [1] il-pussess *da parte* tal-attur *(possidesse)* [2] illi l-azzjoni spoljattiva li tkun saret tkun grat bil-mohbi jew kontra l-volonta tal-attur *(spoljatumfuisse)* u [3] illi l-azzjoni tkun giet ezercitata fi zmien xahrejn mill-allegat att spoljattiv *(infra bimestre deduxisse).* Fil-fatt meta wiehed japplika dawn it-tlett elementi ghall-kaz in kwistjoni jsib li potenzjalment jista' jigi konsidrat sodisfatt l-ahhar element *stante* li l-attur ezercita l-azzjoni tieghu fi zmien xahrejn minn meta waqaf jattendi fl-ufficcju. Iz-zewg elementi l-ohra ma jissusistux.

5. Jigi, pero` sottolineat partikolarment illi l-element importanti (u forsi l-aktar importanti) u cioe` li l-esponenti ghamlu li ghamlu bil-mohbi jew kontra l-volonta' tal-attur assolutament ma tezistix - bizzejjed wiehed jaghmel riferenza, f’ dan ir-rigward ukoll partikolarment ghall-ahhar parti tal-paragrafu 14, paragrafi 16 u 18, fost ohrajn tal-att promotur innifsu. Meta telaq mill-ufficcju l-attur, telaq bl-intendiment bejn il-partijiet li huwa ma kienx ser jerga' jirritorna. Isegwi ghalhekk illi l-elementi necessarji ghas-success ta' kawza ta' spoll ma jezistux u l-esponenti ma spoljawx lill-attur minn xejn.

6. Illi minghajr pregudizzju u subordinatament ghall-premess, kwalunkwe pussess li seta' kellu l-attur kien marbut u kondizzjonat mar-relazzjoni lavorattiva illi kienet tezisti bejn il-partijiet, liema relazzjoni intemmet fil-15 ta' Mejju 2015 u ghaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti ma jistghux jissussistu u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes.

Jigi rilevat illi l-attur, bhal kull persuna ohra li tahdem u taghmel parti mill-ufficcju "Dingli & Dingli Law Firm", kellu biss uzu ta' l-ufficcju. Dan l-uzu ma kienx esklussiv ghalih. Certament l-attur qatt ma kellu pussess tal-ambjenti tal-imsemmi ufficcju *stante* li tali pussess huwa ta' "Dingli & Dingli Law Firm". Ghaldaqstant ir-rekwizit tal-pussess rikjest mil-ligi ma jissussistix.

7. Illi bla pregudizzju ghall-premess u biex possibilment tigi koperta via ohra tal-azzjoni attrici, fl-eventwalita` ghax kif inghad, fl-ewwel eccezzjoni, it-talbiet attrici mhumiex cari, illi r-rikorrent qed jallega li gie spoljat minn xi sehem mill-*partnership* "Dingli & Dingli Law Firm", l-azzjoni attrici ma tistax treggi. Il-kuncett legali ta' spoll huwa marbut ma' spoll ta' hwejjeg u ghaldaqstant ma jinkwadrax ruhu fil-kaz in kwistjoni. Spoll minn xi sehem f' persuna legali ma tezistix f'ghajnejn il-ligi. Jerga' jigi enfazizzat illi meta l-attur mar u garr l-affarijiet tieghu mill-ufficcju ta' "Dingli & Dingli Law Firm", attwalment, huwa ha l-*files* notarili kollha, kemm fizici kif ukoll elettronici, mill-ufficcju ta' "Dingli & Dingli Law Firm". Prezentement li baqa' fl-istess ufficcju huwa kollox propjeta' ta' "Dingli & Dingli Law Firm". *In tutta* kjarezza ghandu jigi notat ukoll illi l-attur, bhala nutar, u ghalhekk ufficjal pubbliku, la kien, la hu u lanqas jista' jkun imsieheb (*partner*) ma' l-intimati, li huwa grupp ta' avukati. Huwa prekluz ghall-attur li jkollu pretensjoni legali ta' shubija (*partnership*) ma' avukati.

8. Ghalhekk it-talbiet rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez.

9. Salv kontestazzjoni ulterjuri skont il-ligi

***26 ta' Novembru 2015.***

Rat il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti hekk presjeduta fejn fis-seduta tat-Tlieta 29 ta’ Settembru 2015 fejn meta ssejhet il-kawza dehru l-partijiet assistiti. Id-difensuri tal-partijiet trattaw l-ewwel eccezzjoni, liema trattazzjoni giet registrata fuq is-sistema eletronika. Il-Qorti semghet it-trattazzjoni. Il-kawza giet differita ghall-sentenza *in parte* ghas-26 ta’ Novembru 2015 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi din hija sentenza *in parte* fuq l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-intimati senjatament in-nullita' tar-rikors guramentat stante nuqqas ta' carezza fit-talbiet attrici u *stante* li l-attur ma specifikax minn x'hiex gie spoljat.

Ikkonsidrat li l-attur, fir-rikors promotur, wara li premetta li kien inghaqad mal-Avukat Dottor Kevin Francis Dingli f'ufficcju legali f'18/2 South Street Valletta, recentement gie mcahhad mill-access liberu u mill-godiment li kien igawdi ghall-ufficini ta' *Dingli & Dingli Law Firm*. Ghaldaqstant skont l-attur dan jikkostitwixxi agir spoljattiv u qed jitlob rimedji sabiex jigi ripristinat fil-pussess u fil-godiment li kellu qabel.

L-intimati issollevaw diversi eccezzjonijiet procedurali kif ukoll sostantivi fosthom l-ewwel eccezzjoni preliminari li ser tigi deciza llum.

**DRITT**

Ikkonsidrat li huwa l-artikolu **789(1) tal-Kap Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** li jirregola l-eccezzjoni li tirrigwarda n-nullita' ta' atti gudizzjarji.

Dan l-artiklu jiddisponi hekk:

*(1) L-eccezzjoni ta' nullità ta' l-atti gudizzjarji tista' tinghata:*

*(a) jekk in-nullità hija ddikjarata mil-ligi espressament;*

*(b) jekk l-att jinhareg minn Qorti mhux kompetenti;*

*(c) jekk fl-att ikun hemm vjolazzjoni tal-forma mehtiega mil-ligi, ukoll jekk mhux taht piena ta' nullità, kemm-il darba dik il-vjolazzjoni tkun giebet, lill-parti li titlob in-nullità, pregudizzju illi ma jistax jissewwa xort' ohra hlief billi l-att jigi annullat;*

*(d) jekk l-att ikun nieqes minn xi partikolarità essenzjali espressament mehtiega mil-ligi:*

*Izda dik l-eccezzjoni ta' nullità kif mahsuba fil-paragrafi (a), (c), u (d) ta' dan is-subartikolu ma tkunx tista' tinghata jekk dak in-nuqqas jew vjolazzjoni jkunu jistghu jissewwew taht kull dispozizzjoni ohra tal-ligi.*

*(2) L-eccezzjoni ta' nullità ta' att, taht il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu, ma tistax tinghata, meta l-parti li taghtiha tkun baqghat taghmel jew, ghad li tkun taf biha, tkun halliet li jibqghu jsiru atti ohra wara, minghajr ma teccepixxi dik in-nullità".*

**Artikolu 175(1) tal-Kap.12**

Illi bil-*proviso* imsemmi, l-legislatur qed jaghmel riferenza ghall-artikolu 175 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta. **L-Art. 175(1) tal-Kap.12** jaqra hekk: –

"*Il-qorti **tista`**, f`kull waqt tal-kawza, qabel is-sentenza, wara talba ta` wahda mill-partijiet, wara li tisma' meta jehtieg lill-partijiet, tordna s-sostituzzjoni ta` xi att jew tippermetti tibdil fl-iskritturi, sew billi fihom jizdied jew jitnehha l-isem ta` wahda mill-partijiet u jitqieghed iehor floku, jew billi jissewwa zball fl-isem tal-partijiet jew fil-kwalità li fiha jidhru, jew billi jissewwa kull zball iehor jew billi jiddahhlu hwejjeg ohra ta` fatt jew ta` dritt ukoll permezz ta` nota separata, sakemm sostituzzjoni jew tibdil bhal dan ma jbiddilx fis-sustanza l-azzjoni jew l-eccezzjoni fuq il-meritu tal-kawza.*"

**Il-kwistjoni sollevata mill-intimati tikkoncerna l-kjarezza allegatament monka fit-talbiet attrici li ma jispecifikawx l-att spoljattiv li huwa l-oggett tal-ilment.**

Riferibbilment ghar-rekwiziti tar-rikors promotur, l-**Art 156(1)(a) Kap.Tnax tal-Ligijiet ta' Malta** jiddisponi illi rikors ġuramentat għandu jkun fih dikjarazzjoni li tfisser b'mod ċar u sewwa l-oġġett tal-kawża.

Hu pacifiku li din id-dispozizzjoni (anke kif kienet qabel l-emendi tal-1995 u tal-2005) inghatat fil-gurisprudenza interpretazzjoni wiesgha fis-sens li ma gietx adottata l-istrettezza li donnhom ifissru l-kliem tal-ligi. (**"*Stephen***

***Grech v On. Prim Ministru et*." -** P.A.(JZM) dec. fit-30 ta' Settembru 2013).

Hekk fis-sentenza "**Moore noe vs Falzon et**" (Prim'Awla tal-Qorti Civili – PA/AM – 15 ta' Dicembru 1995) kien deciz li: -

"*Il-ligi ma tirrikjedix kliem partikolari ghal kif ghandha ssir ic-citazzjoni, bizzejjed jiftiehem xi jkun qieghed jitlob l-attur, b'mod li l-kawzali tista' tkun espressa lakonikament, u sahansitra tista' tkun anke ridotta mid-domanda*." (Ara- Kollez. XXXIV.I.501, XXIX.I.143 u XXXII.I.228).

Hekk ukoll inghad fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell fil-kawza **"Bonnici vs Zammit noe"** deciza fl-20 ta' Jannar 1986 fejn it-tifsira tal-Art.156(1) kienet spjegata hekk –*"Illi l-Artikolu 156(1) jipprovdi li l-oggett u r-raguni tat-talba gudizzjarja ghandhom ikunu mfissra car u sewwa fic-citazzjoni. Dan ma jfissirx pero' li kwalunkwe nuqqas da parte ta' l-attur ghandu mill-ewwel jigi mehud fis-sens li qed imur kontra d-dispost ta' l-Art.155(1) [illum 156(1) tal-Kap.12] u ghalhekk igib mieghu n-nullita` tac-citazzjoni. Infatti biex citazzjoni tigi mwaqqfa jrid ikun hemm raguni gravi, u fost kollox, ghandu jigi ezaminat jekk ic-citazzjoni tkunx defungenti jew zbaljata b'mod li l-konvenut ikun jista' jigi pregudikat fid-difiza tieghu. Dan apparti li c-citazzjoni ghandha tigi ezaminata fit-totalita' taghha u mhux spezzettata."*

Fil-kaz **"Capua Palace Ltd. Vs Arcidiacono Boris"** deciza fil-31 ta' Jannar 2003, gie ritenut li:

*"Fejn hemm kontradizzjoni ghall-ahhar bejn il-permessi u t-talbiet jew bejn it-talbiet innifishom, il-Qrati ghandhom iqisu b'cirkospezzjoni eccezzjoni ta' nullita` ta' att gudizzjarju. Biex att ta' citazzjoni jghaddi mill-prova tal-validita` huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min harrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnifsu mit-talba tal-attur";*

*"Hu necessarju li jkun jirrizulta rapport ta' konnessjoni ragjonevolment identifikabbli bejn il-premessi migjubin bhala l-kawza tat-talba u t-talba stess kif diretta kontra l-konvenut".*

Fil-kawza "**Vella vs Cefai"** (Appell Civili – 4 ta' Novembru 1991 – Kollez. Vol.LXXV.II.467) il-Qorti tal-Appell kompliet tafferma li f'dawn il-kazi huwa dejjem opportun li l-Qorti, kemm jista' jkun ghall-pratticita` u sabiex tigi evitata multiplikazzjoni ta' kawzi u spejjez zejda, ghandha tkun iebsa meta tilqa' l-eccezzjoni tan-nullita` u kemm jista' jkun issalva atti gudizzjarji, u att ta' citazzjoni ghandu jigi mwaqqa' u annullat biss ghal ragunijiet gravi. In-nullita` ta' l-atti gudizzjarji hija sanzjoni estrema li l-ligi trid li tigi mposta biss meta n-nuqqas – formali jew sostanzjali – fl-att ma jistax assolutament jigi tollerat minghajr hsara ghal xi principju ta' gustizzja procedurali.

**Trattazzjoni**

Fit-trattazzjoni l-intimati fissru li l-eccezzjoni taghhom hija bazata fuq l**-artikolu 789(1)(c) tal-Kap.Tnax**. Bazikament il-kwezit li giet impostata hija fis-sens li tant hemm xibka enormi fil-premessi li din il-Qorti, u wisq inqas l-intimati, ma

tqeghdux f'posizzjoni li jidentifikaw l-att spoljattiv lamentat. Issottomettew li c-citazzjoni trid ikollha l-premessi u t-talbiet cari li jridu jkunu jattaljaw ma' xulxin, u f'dan il-kaz, ir-rikors promotur huwa mankanti.

F'dan il-kuntest, huwa relevanti l-kaz **("Dottor Henry Vassallo vs Onor. Prim Ministru et")** fejn inghad:

*"Illi kif inghad f'ghadd ta' decizjonijiet tal-Qrati taghna, id-distinzjoni bejn nullita`mtellgha taht il-paragrafu (c) u dik taht il-paragrafu (d) tas-subartikolu (1) tal-artikolu 789, tikkonsisiti fil-fatt li f'tat-tieni, l-att gudizzjarju jkun milqut minn nuqqas ta' partikolarita` essenzjali mehtiega mil-ligi, u mhux semplici ksur ta' forma preskritta." (Ara wkoll,* ***"Carmelo Galea vs Pawlu Cuschieri" –*** *P.A. deciza fl-4 ta' Novembru 1988).*

Ghalhekk, jinkombi fuq il-Qorti li f'kazijiet ta' din in-natura tanalizza jekk jezistux inkorrettezzi fl-att gudizzjarju u jekk dawn humiex ta' natura gravi. Hekk kif gie ritenut fil-gurisprudenza nostrana, ma jfissirx li kwalunkwe nuqqas da parti tal-attur ghandu jigi mehud li jmur kontra d-dispost tal-ligi. Fil-fatt, biex att gudizzjarju jigi mwaqqaf irid ikun hemm raguni gravi u l-att ma jigix spezzettat (ara l-elementi mnissla mill-Qorti fil-kaz **Bonnici v Zammit** ccitat *ante)*.

Id-difensur tal-intimat issottometta da parti tieghu, li d-dikjarazzjoni fir-rikors promotur, ghalkemm dettaljata, (23 paragrafu) hija xorta wahda konformi mal-ligi. Inoltre l-legislatur irid li huwa bizzejjed li t-talba tkun imfassla b'mod tali li l-persuna mharrka tifhem l-intenzjoni ta' min iharrikha u li tali tifsila ma tkunx ta' hsara ghall-imharrek li jiddefendi lilu nnfisu mit-talba ta' l-attur.

**Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern,** il-Qorti tibda biex tippreciza li d-ditta *Dingli & Dingli* hija *Law Firm,* tant li isimha maghha. L-attur huwa Nutar Pubbliku, li jipprattika bhala tali u zgur mhuwiex, u lanqas jallega li huwa avukat. Fil-premessi jitkellem dwar it-twelid tal-partecipazzjoni tieghu fid-ditta u d-divizjoni tax-xoghol bejnu u bejn l-Avukat Kevin Dingli.

Issa fil-premessi l-attur jaghmel diversi stqarrijiet li mhumiex limitati ghall-spoll mill-ambjenti fisici tal-ufficini ta' *Dingli & Dingli Law Firm,* imma anke mill-partecipazzjoni fil-profitti u mill-avvjament tal-istess.

Ma jirrizultax fil-kaz in ezami, li hemm konfuzjoni ta' talbiet kontestwali. Il-kaz in kwistjoni huwa kaz ta' spoll. Huwa minnu li hemm hafna klawsoli u fatti rrilevanti ghall-azzjoni odjerna fid-dikjarazzjoni guramentata. Izda ma jirrizultax li hemm kontradizzjoni bejn il-premessi u t-talbiet innifishom, u l-kjarezza tal-intenzjoni fil-kaz odjern tista' tigi dedotta, u hija wahda kjarament identifikabbli fil-ligi.

Jekk wiehed iqis it-talbiet kif maghmula, fl-isfond tal-fatti, jirrizulta li dak li qed jitlob ir-rikorrent ma jhalli ebda dubbju ghall-pretensjoni tieghu li jerga' jigi reintegrat fil-pussess jew detenzjoni tal-ambjenti fisici u ammobbiljati tal-ufficcini tad-ditta.

Applikati dawn il-principji ghall-kaz odjern, din il-Qorti hija tal-fehma li ma jissusistix dawk ir-ragunijiet gravi li jwassluha biex tiskarta dan il-kaz. Hawnhekk, mhux il-kaz li l-att gudizzjarju hu kolpit minn xi gravita` li jista' jimporta n-nullita` tieghu.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad l-ewwel eccezzjoni sollevata u tordna l-prosegwiment tal-kawza.

**L-ispejjez jigu determinati mas-sentenza finali.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**26 ta' Novembru 2015**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**26 ta' Novembru 2015**